QORTI ĊIVILI

PRIM'AWLA

ONOR. IMĦALLEF

ROBERT G. MANGION

SEDUTA TAT-30 TA' JANNAR 2020

**Kawża Numru: 5**

**Rik. Ġur. 713/2015 RGM**

**Mary Rose Caruana K.I. 121462M**
**f'isimha proprju u f'isem il-minuri**
**Matthew Caruana**
**Ramon Caruana (K.I. 572792 M)**
**Dylan Caruana (K.I. 92489 M)**
**Alison Caruana (K.I. 406595 M)**

**vs.**

**Gorg Cardona (K.I. 359053 M)**
**Emily Cardona (K.I. 621059 M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Mary Rose Caruana et** preżentat fl-24 ta' Lulju 2015 li permezz tiegħu ippremettew u talbu s-segwenti:

Illi permezz ta' skrittura datata 18 ta'April, 2012, ir-rikorrenti Rose Caruana kienet silfet lill-intimati s-somma ta' tletin elf (30,000) euro; (Dok A)

Illi minn dana s-self l-intimati ma' halsu xejn ghalkemm meta interpellati, presentaw dokument li juri lil-ammont suppost li thallas ghal servizzi rezi u in parte lil Raymond Caruana, ossia r-ragel tar-rikorrenti, llum defunt; (dok B)

Illi r-rikorrenti tikkontendi li fil-verita` l-intimati ma' halsu xejn u li rrispondew kif fil-fatt ghamlu ghaliex qed jinqdew bil-fatt li llum Raymond Caruana huwa mejjet u ghalhekk qed jittantaw jaharbu l-obbligi taghhom kif ser jirrizulta waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Ghaldaqstant, l-esponenti qeghdin jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

Tiddikjara li l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' tletin elf (30,000) euro skond skrittura datata 18 ta' April 2012;

Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu l-ammont ta' tletin elf euro (30,000) lir-rikorrenti;

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' dana r-rikors guramentat u b'hekk l-intimati jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-**Risposta ta' Gorg Cardona u Emily Cardona** preżentata fit-22 ta' Settembru, 2015 fejn jingħad kif ġej:

Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-intimati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess ghas-segwenti ragunijiet:

Li l-intimati effetwaw il-hlas tas-self kollu dovut, kif irrizulta mill-istess dokument ipprezentat mir-rikorrenti flimkien mar-rikors guramentat taghhom immarkat Dok B;

Li s-self sar mar-ragel, illum defunt, tar-rikorrenti Mary Rose Caruana – kien hu stess Raymond Caruana, li ghadda l-flus mislufa lill-intimat Gorg Cardona u r-rikorrenti kollha qatt ma kienu involuti fl-istess self u wisq inqas fir-ripagament tieghu, kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh u l-gbir tal-provi;

B'rizerva ghal eccezzjonijiet ohra permessibbli skont il-Ligi.

Li l-intimat Gorg Cardona ghad irid jithallas ghas-servizzi prestati lil Raymond Caruana pendenti qabel il-mewta vjolenti tieghu;

Li ghalhekk l-esponenti qeghdin jipprevalixxu ruhhom mill-fakolta` moghtija lilhom a tenur tal-Artikolu 396 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u qed jipprezentaw kontro-talba kontra r-rikorrenti.

Rat il-**Kontro-talba** mressqa mill-konvenuti fit-22 ta' Settembru 2015 li biha ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi Gorg Cardona kien jippresta servizzi ta' *bookkeeping* lir-ragel tar-rikorrenti Mary Rose Caruana ghal diversi snin, u dan kif kien ben maghruf anki mir-rikorrenti Mary Rose Caruana, ghaliema servizzi hu kien jithallas bis-somma ta' mitt ewro (€100.00) fix-xahar;

2. Wara l-mewt ta' Raymond Caruana l-istess rikorrenti mgharfa li kien ghad hemm pendenzi ta' servizzi prestati mhux imhallsa kienet talbet rendikont ta' liema servizzi kienu jinghataw. (**DOK KT1**)

3. Illi ghaz-zmien bejn Jannar tas-sena 2014 u April tas-sena 2015, Gorg Cardona ma kienx thallas jew gie rimunerat ghas-servizzi prestati u lilu hija dovuta s-somma ta' elf u sitt mitt ewro (€1600.00);

4. Illi *di piu`*, hu kien gie moghti inkarigu specifiku mill-istess Raymond Caruana sabiex jirredigi rapport, u dan wara tiftix ta' diversi dokumenti, liema rapport kien jikkonsisti fl-analizi tal-fatturi, pagamenti u depositi li dahlu l-bank ghal kull sena minn 1991 sa l-2002 biss eventwalment gie mitlub jirristringihom ghas-snin 1998 sal-2002 u qieghed jigi hawn ezebit u mmarkat **Dok KT2**, liema rapport kien fil-fatt intuza mill-istess Raymond Caruana *in difesa* tieghu meta gie ezebit in atti fil-kumpilazzjoni tal-proceduri mehuda kontra tieghu fl-ismijiet *Il-Pulizija kontra Raymond Caruana*;

5. Illi ghal dan ir-rapport Gorg Cardona ma kienx thallas kif, *del resto*, kellu dritt u kien miftiehem li jaghmel mal-istess Raymond Caruana. Fuq ir-rapport, kif jirrizulta mill-annessa talba ghall-hlas li qieghda tigi hawn ezebita u mmarkata **DOK KT3**, hu hadem 293 siegha u ta' dan qieghed jipprentendi hlas fl-ammont ta' tletin ewro (€30.00) fis-siegha. Qed jezebixxi ukoll rendikont tas-sighat bis-sistema li kien hemm maqbul bejniethom. **KT4**;

Ghaldaqstant l-intimati, filwaqt li jgibu s-suriferiti fatti a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:-

1 Tiddikjara li Gorg Cardona ppresta s-servizzi reklamati konsistenti fix-xoghol ta' *bookkeeping* minn Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) sa April tas-sena elfejn u hmistax (2015) kif ukoll servizzi sabiex gie redatt rapport mitlub minn Raymond Caruana u utilizzat fil-proceduri Kriminali migjuba fil-konfront tal-istess Raymond Caruana kif fuq inghad;

2. Tillikwida. *per conseguenza*, il-valur tas-servizzi pprestati fl-ammont ta'mitt ewro (€100.00) fix-xahar ghas-servizzi ta' *bookkeeping* ghaz-zmien bejn Jannar 2014 u April 2015 u bir-rata ta' tletin ewro (€30.00) fis-siegha ghar-rapport redatt ghall-proceduri Kriminali fil-konfront ta' Raymond Caruana kif fuq inghad;

3. Tikkundanna lil Mary Rose Caruana f'ismha proprju u f'isem il-minuri uliedha u eredi ta' Raymond Caruana, senjatament Matthew Caruana, Ramon Caruana, Dylan Caruana u Alisan Caruana sabiex thallas dan l-ammont hekk likwidat;

4. Tiddikjara jekk ikun il-kaz li l-ammont mitlub mill-istess rikorrenti fir-rikors guramentat promotur ghandu jigi hekk pacut mill-ammont hawn likwidat, dikjarat bhala dovut lil Gorg u Emily Cardona;

Bl-imghax u l-ispejjez legali kontra r-rikonvenzjonati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta ġuramentata** tar-rikorrenti rikonvenuti tat-2 t'Ottubru 2015 li taqra kif ġej:

1. Illi dina r-risposta guramentata qed issir ghall-kontro-talba tal-intimat Gorg Cordina et;

2. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti *ratione valoris*;

3. Illi minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub mhux dovut stante li x-xogholijiet ma' sarux;

4. Illi ukoll minghajr pregudizzju, t-talbiet ghandhom jigu michuda stante li kull ma' huma skuza pwerili tal-intimati Cardona sabiex jittantaw ixejnu t-talba kif kontenuta fir-rikors promotur;

5. Illi t-talbiet tal-intimati Cardona ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati;

Rat illi bid-digriet tal-1 ta' Diċembru 2016 ġie nominat Dr. Martin Bajada bħala espert tal-kaligrafija;

Rat ir-Rapport tal-imsemmi espert, ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2018 u maħluf fil-5 ta' Marzu 2018;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fit-18 ta' Settembru 2019 kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fit-30 ta' Settembru 2019;

Semgħat it-trattazzjoni tal-abbli Avukati tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

Il-kawża odjerna tirrigwarda self mhux kontestat ta' tletin elf ewro (€30,000) lura f'April 2012. Kien proprju fit-18 t'April tal-imsemmija sena li r-rikorrenti Mary Rose Caruana weħidha daħlet fi skrittura privata mal-konvenuti Cardona. Permezz ta' din l-iskrittura, il-partijiet qablu li l-ħlas kellu jsir sal-aħħar ta' Ġunju 2015, "jew qabel id-data msemmija"[1].

[1] Paġna 3 tal-proċess.

Filwaqt li m'hemmx kontestazzjoni li kien hemm self ta' €30,000, hemm kontestazzjoni dwar jekk tali self ġiex imħallas lura. Min-naħa tagħha r-rikorrent qiegħda tipremetti li hija qatt ma ingħatat lura din is-somma filwaqt li l-konvenuti jeċċepixxu li huma kienu raddew lura s-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) lir-raġel tagħha Raymond Caruana li llum huwa defunt. Il-konvenuti jispjegaw ukoll li huma ritornaw parti mis-somma stante li Gorg Cardona kellu jitħallas mingħand Raymond Caruana għal servizz ta' *accountancy* li kien tah u liema somma kienet għadha pendenti. Cardona fid-dawl ta' dan għamlu kontro-talba fejn qegħdin jitolbu l-ħlas ta' għaxart elef, tlett mija u disgħin ewro (€10,390) kompriża minn elf u sitt mitt Ewro (€1,600) għal xogħol mensili bejn Jannar 2014 u April 2015 bir-rata ta' mitt ewro (€100) fix-xahar, u tmient elef, sebgħa mija u disgħin ewro (€8,790) għal rapport li kien ipprepara lil Raymond Caruana sabiex jintuża fi proċeduri kriminali dak iż-żmien pendenti kontra l-istess Caruana.

Ikkunsidrat

**Provi**

L-ewwel prova li tressqet kien proprju l-affidavit tar-**rikorrenti Mary Rose Caruana** fejn fih spjegat li r-raġel tagħha, Raymond Caruana, kien qalilha li George Cardona kellu bżonn €30,000 u dan għaliex dan tal-aħħar kien sellef xi flus m'għand terzi u dan ridhom. Hija aċċettat li tislef din is-somma. Kien għalhekk li daħlet fi skrittura li kien pprepara George stess. Din l-iskrittura ġiet iffirmata minn George u martu kif ukoll mir-rikorrenti Mary Rose. Hija tispjega li peress li l-flus kienu tagħha u kienet hi li qed issellef il-flus u mhux ir-raġel tagħha, kienet hi biss li ffirmat l-iskrittura u żewġha ma ġiex involut. Tgħid ukoll li dak inhar li ffirmaw l-iskrittura d-dar tagħha "George kien serraħli moħħi li l-flus ser jagħtihom hu lili fiċ-ċert". Dan reġgħet sostinietu waqt ix-xhieda tagħha tat-13 t'April 2016. Ġimgħatejn wara li Raymond miet, ir-rikorrenti kkuntatjat lil George Cardona permezz ta' telefonata peress li riedet tkellmu fuq affarijiet personali tar-raġel tagħha dwar bolol u karti relatati ma' *accounts*. Huwa nformaha li kellu bżonn ftit ħin biex jipprepara xi

dokumenti. Jumejn jew tlett ijiem wara t-telefonata George Cardona kien mar għandha u hija ħallset is-somma ta' €4,500 għal xogħol li kien għamel. Hija saqsietu dwar it-€30,000 u huwa ħareġ karta iffirmata li huwa kien ta' €20,000 lil Raymond u €10,000 żammhom għal xogħol li kien għamel. Ir-rikorrenti tgħid li r-raġel tagħha qatt ma semmilha li huwa kien tħallas mingħand Cardona. Tikkonkludi billi tgħid li Cardona kien qiegħed jipprova jċaħħadhom minn flusha u tiddikjara li l-firma fuq l-iskrittura ta' ħlas "żgur mhijiex il-firma tar-raġel" tagħha u dan għaliex hija kienet diversi drabi ma' żewġha meta ffirma kif ukoll għandha fil-pussess tagħha dokumenti bil-firma tiegħu. B'sostenn għal dan b'nota tat-3 ta' Frar 2016 hija ppreżentat dokumenti fil-pussess tagħha bil-firma tar-raġel tagħha fosthom kopja ta' konvenju.

**Mary Rose Caruana** xehdet ukoll viva voce fit-13 t'April 2016 fejn elaborati li lejliet il-Milied tal-2014 hija kienet qalet lil żewġha sabiex jgħid lil George Cardona biex il-flus jgħaddihomlha b'ċekk u mhux flus kontanti. Huwa kien qalilha li issa jgħidlu wara l-festi għax ma kienx ħa jarah fil-festi. F'Jannar żewġha kien qalilha li lil George kien informah b'dak li xtaqet martu u dan kien irrispondih li "flus tajthomlu u flus ħa jtihomlok". Tgħid li hija ma kellhiex oġġezzjoni.

Tixhed li ġimgħa wara l-mewt ta' żewġha hija ċemplet lil George Cardona u dan qalilha li ried jipprepara xi żewġ karti. Tlett ijiem wara mar għandha u kien qalilha li huwa għandu jitħallas ta' xogħlu u hija qaltlu li huma dejjem ħallsuh u li kieku ried jitħallas ta' xogħlu kien javviċinhom biex iħallsuh ta' xogħlu u mhux jagħmel skrittura għal self. Meta ġiet muriha d-dokument li fih qed jingħad sar il-ħlas ir-rikorrenti ippuntat numru ta' żbalji:

a. L-indirizz tad-dar tiegħu niżlu ħażin fid-dokument li allegatament jindika li sar il-ħlas;
b. Il-kalkoli tal-flus ġew maħduma b'mod skorrett għaliex is-sena 2011 ġiet imniżżla darbtejn;
c. Ħlas ta' 40 karta tal-€50 ma jiġux €20,000 iżda €2,000; u
d. Il-firma mhux tar-raġel tagħha.

Fuq mistoqsija tal-Qorti tgħid li hija qatt ma rat l-oriġinal ta' dan id-dokument iżda dejjem il-fotokopja. In kontro-eżami tad-29 ta' Jannar 2019, ir-rikorrenti

tixhed li hija għaddiet €30,000 flus kontanti. Tisħaq li l-flus kienu tagħha li kienet fadlet maż-żmien.

**Il-konvenut Gorg Cardona** ukoll ippreżenta affidavit u jgħid li Raymond Caruana mar għandu d-dar sabiex ifehmu l-kontenut ta' ittra/applikazzjoni ta' *credit card* u kien innota l-ħsarat li kellu fid-dar u meta dan qallu li ma kellux biex iħallas l-ispejjeż għaliex kienu jammontaw għal €20,000 jgħid li Raymond Caruana issuġġerixxa li ma kienx jaqbel li jħalli l-affarijiet jaggravaw. Il-konvenut jikteb fl-affidavit li huwa kien qallu li hekk kif iħallsu tax-xogħol li kien għamillu huwa kien jibda jsewwi l-ħsarat fid-dar. Jispjega li Raymond Caruana kien qallu li lest isellfu l-flus iżda dan qatt ma qallu li l-flus kienu ta' Mary Rose Caruana, jgħid li "ried li nagħmlu skrittura li tkun fuq isimha mhux għax il-flus kien tagħha imma bl-iskuża sabiex ikollha xi ħaġa tagħha". Jgħid ukoll li huwa insista ma' Raymond Caruana li huwa ma riedx jissellef flus iżda ried li jitħallas ta' xogħlu. Jkompli jgħid "ma nafx x'kienet ir-raġuni li Raymond Caruana baqa' jinsisti li jagħtini tletin elf ewro"[2]. Filwaqt li Mary Rose Caruana qalet li kien hemm qbil li George Cardona kellu jħallas lilha direttament, huwa jirribatti fl-affidavit tiegħu billi qal li "ma sar l-ebda diskors dwar kundizzjonijiet marbuta mas-self għajr li s-self irrid jinfeda sa l-aħħar ta' Ġunju 2015". Dan magħdud waqt il-kontro-eżami tat-12 ta' Ġunju 2019, Gorg Cardona rrikonoxxa l-fatt li huwa kellu jagħti l-flus lil Mary Rose Caruana meta qal "Staqsejtu li jien irrid naghtihom lilha"[3]. Fl-affidavit jgħid li huwa ma jafx għalfejn Raymond Caruana qatt ma qalilha lil martu li kien ġabar il-flus bi tpaċija mal-flus li Raymond Caruana kellu jagħti lil George Cardona. Jgħid li huwa uża €12,900 u kien qallu biex imur għalihom iżda dan dejjem jipposponi.

Huwa jirrimarka wkoll li "wara li inqatel Raymond Caruana fis-satra tal-lejl u ġie midfun, madwar ġimgħa wara l-mara tiegħi maret tagħti l-aħħar tislima. Jiena ma mortx minħabba ordni tat-tobba [...]".[4]

---

[2] Paġna 193 tal-proċess.
[3] Paġna 213 tal-proċess.
[4] Paġna 193 – 4 tal-proċess.

Bħala xogħol jispjega li sas-sena 2002 huwa kien jimla l-karti tat-taxxa lil Raymond Caruana. Fl-2003 kienu qablu li l-ħlas għax-xogħol li George Cardona kien jagħmillu kellu jkun ta' Lm500 fis-sena, fosthom ħlas perjodiku tal-PT1, FS5, FS3, FS7 u jipprepara l-*balance sheet* u l-*profit and loss accounts*.

Dwar il-ħlas jgħid li kien mar għandu għal għarrieda u qallu li kien mar għal flus li sellfu għax kellu bżonnhom. Jgħid li Raymond Caruana "ħareġ karta b'kitba tiegħu liema karta kien hemm miktub" kif kien sejjer iħallsu għas-snin bejn l-2003 u l-2013. Skontu, Raymond Caruana kellu bżonn €20,000 u d-differenza ta' €10,000 kellu jkun ħlas dovut lilu sas-sena 2014. Jgħid li huwa kien kiteb il-karta bil-komputer. Jgħid ukoll li jiftakar li kien semmielu lill-martu "peress li hi kienet li iffirmat il-karta, issa li s-self issa ġie mifdi, iżda kien insista li l-flus hu kien tagħomli u lill-mara tiegħu responsabiltà tiegħu".[5]

Dwar l-iżball li l-karta tgħid San Ġwann u mhux Ħ'Attard huwa jgħid li Raymond Caruana kien mgħaġġel u qallu li ħa jmur San Ġwann bihom il-flus u bi żball niżżel dak il-post. Dwar l-ammont ta' karti jgħid li dik kienet biss *typing error*, tant li r-raġel tagħha qatt ma talbu aktar flus u huwa kien għoddhom qabel telaq. Jgħid li huwa fadallu jieħu s-segwenti flus:

- €1,200 għal xogħol li sar fl-2014;
- €400 għal xogħol li sar parti mis-sena 2015;
- €8,970 għal xogħol ta' riċerka li sar fis-sajf 2015.

Jispjega li dan ix-xogħol kien sar fuq talba ta' Raymond Caruana. Meta mistoqsi in kontro-eżami dwar ix-xogħol ta' riċerka li għamel fis-sajf 2015, wara li l-legali tar-rikorrenti ġibidlu l-attenzjoni li Raymond Caruana kien miet f'Marzu 2015 u għalhekk ma setax ikun il-każ li t-talba tar-riċerka saret minn Raymond Caruana, l-konvenut jgħid li hemm *typing error* u li dik ir-riċerka kellu bżonnha għal proċeduri kriminali li kellu kontrih Raymond Caruana. Fuq mistoqsija tal-Qorti jgħid li "għamiltulu kont minghalija thirteen (13)"[6] u jgħid li mingħalih hemm record tas-siegħat mal-kontro-talba.

[5] Paġna 195 tal-proċess.
[6] Paġna 216 tal-proċess.

Mis-sena 2003 Raymond Caruana ma baqax iħallsu biċ-ċekkijiet u jiċħad li dan imbagħad beda jħallsu bi flus kontanti. Jispjega li wara li miet Raymond Caruana huwa mar id-dar tiegħu biex jitkellem dwar ix-xogħol ta' Raymond u "kemm Mary Rose talbitni sabiex nerġgħu niltaqgħu d-dar tiegħu ħalli nkompli [bix-]xogħol tal-aħħar tlett xhur ta' meta Ray kien ħaj" u sabiex tiġbor il-flus ta' żewġha. Jidher li din nonostante marret għandu mingħajr flus u għalhekk żamm il-files għandu. Wara ġimgħatejn ir-rikorrenti reġgħet marret għand George Cardona għal darb'oħra mingħajr flus u garantitlu li l-flus ittihomlu sa l-aħħar ta' Mejju 2015 u qaltlu li l-files għandha bżonnhom.

In kontro-eżami tat-12 ta' Ġunju 2019 għal mistoqsija jekk ħariġx riċevuta fiskali għal €10,000 li tħallas bi tpaċċija jgħid li ma kellux għalfejn joħroġ waħda. Jgħid ukoll li kontijiet u fatturi ma bagħtlux u lanqas *engagement letter*.

L-unika prova indipendenti kien ir-rapport tal-espert kaligrafu. L-espert kaligrafu sab li l-ewwel ittra tal-isem Ray bejn is-sena 2005 sa 2015 ma segwiex fit-tifsila u fix-xaqliba. L-istess ingħad għal kostruzzjoni tal-kunjom Caruana. L-espert jgħid li dawn "id-differenzi fit-tifsila u fix-xaqliba fi-kampjun tal-firem huwa visibli ad occio nudo"[7]. Jgħid ukoll li din id-devjazzjoni hija waħda akbar min-normal u dan jista' jkun minħabba li l-persuna ma tiffirmax ta' spiss. Jinnota wkoll li hu qatt ma kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-oriġinal tad-dokument tal-5 ta' Novembru 2014. Peress li ma kellux dokumenti oriġinali bil-firma ta' Raymond Caruana, l-espert jgħid li huwa kien limitat fl-analiżi tiegħu stante li ma kienx possibbli jiġu identifikati *pressure points* bejn l-firma oriġinali u l-firem fil-kampjuni ppreżentati mill-partijiet. L-unika dokument li fuqu hemm firma oriġinali, m'huwiex kampjun kontrollat (u ċioe ma kienx dokument fejn l-identità u l-firma tal-persuna kienet konfermat minn terz bħal per eżempju dokument ffirmati quddiem Nutar, Avukat, uffiċċjali pubbliku). L-espert ikkonkluda li "l-analisi huwa wiehed inkonklussiv fejn is-sottoskritt la jista jikkonferma u

[7] Paġna 110 tal-proċess.

lanqas jeskludi li l-firma fuq ir-ricevuta Dok MB1 [riċevuta tal-5 ta' Novembru 2014] saret minn Raymond Caruana"[8].

Ikkunsidrat;

**LIĠIJIET APPLIKABBLI U ĠURISPRUDENZA.**

Illi t-titolu li jirregola s-self (mutwu) huwa **Titolu XVII tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili.** Din il-Qorti tara li huma ta' relevanza l-Artikoli 1844, 1850 u 1852 tal-imsemmi Kodiċi, li jipprovdu s-segwenti:

"**1844**. (1) L-obbligazzjoni li toħroġ minn self ta' flus hija, fil-każijiet kollha, tal-istess somma, fin-numru, li tkun imsemmija fil-kuntratt.

(2) Għalkemm ikun hemm patt kuntrarju, jekk isir xi tibdil fis-sistema tal-flus qabel ma jagħlaq iż-żmien tal-ħlas, id-debitur hu obbligat biss irodd is-somma fin-numru lilu mislufa, fi flus skont il-valur legali tagħhom fiż-żmien tal-ħlas.

**1850**. (1) Hu leċitu l-ftehim għall-imgħaxijiet fuq self, sew ta' flus kemm ta' merkanzija jew ħwejjeġ oħra mobbli.

(2) Jistgħu wkoll jitbiddlu f'kapital ġdid, b'imgħax, l-imgħaxijiet magħluqa, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena.

(3) Kull ftehim ieħor ta' mgħaxijiet fuq imgħaxijiet, ma jiswiex.

**1852**. (1) L-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija fis-sena.

(2) L-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqsa l-limiti hawn fuq imsemmija.

---

[8] Paġna 113 tal-proċess.

(3) Jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-liġi, iż-żejjed jinqata' mill-kapital."

Mill-qari ta' dawn il-provvedimenti, tlieta huma l-elementi ewlenin għal każ odjern:

a) l-obbligazzjoni tas-self hija kif determinata fil-kuntratt;

b) imgħax fuq self huwa legali, iżda imgħax fuq imgħax m'huwiex leċitu; u

c) l-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija (8%) altrimenti dak l-imgħax jiġi mnaqqas għal 8%.

Fil-każ de quo ma kien hemm l-ebda ftehim dwar imgħaxijiet u l-obbligazzjonijiet li wieħed isib fid-dokument iffirmat minn Mary Rose Caruana min-naħa u mill-konvenuti min-naħa oħra huma li l-ħlas kellu jsir sa' Ġunju 2015 jew qabel.

Ikkunsidrat;

**a. Konflitt ta' provi**

Fejn ikun jeżisti konflitt ta' provi bħal fil-każ odjern, il-ġurisprudenza nostrana tgħallem illi ħafna drabi l-qrati jkunu rinfaċċjati b'verżjonijiet opposti għal xulxin - meta kawża tkun ikkontestata fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li ser ikun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Dan magħdud fis-sentenza **Carmelo Farrugia vs. Rokku Farrugia**, l-Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran sedenti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966 irritjena li

"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja

tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-2 ta' Ġunju, 2003, fis-sentenza fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. noe vs. Victor Sammut** irreteniet illi:

"Anzi f'kaz ta' konflittwalita` l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taccerta ruhha jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet possibbli ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq l-bilanc tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi."

Din il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni **Dr. Elizabeth Vella M.D. vs. Bieb Bieb Limited et** (Ċit Nru 2141/2000GC) fid-9 ta' Diċembru 2011 kompliet tissenjala li

"Ghalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawza għandu jigi esaminat liema wahda mit-tezijiet konfilingenti hi l-aktar attendibbli. Ghandu jigi esaminat jekk xi wahda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi wahda mill-verżjonijiet li allura jista jinghad li hi korroborata. Ghandu jigi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realta' tal-fatti, u kwindi ghandha tigi accettata bhala dik veritiera u attendibbli."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs. William Rizzo et** (Ċit Nru 984/1994NC), din il-Qorti diversament preseduta fit-28 t'April 2004 ikkonkludiet:

"In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat* (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002)."

Fis-sentenza **Perit John M. Gambina *vs.* Fithome Ltd** (Ċit Nru 1672/1998)[9], intqal illi "Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili."

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti eżaminat bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, u dan fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward.

Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 li jipprovdi illi min jallega jrid jipprova u għalhekk minn jallega kreditu għandu jipprova dak il-kreditu u min jallega li d-dejn tħallas għandu jipprova li sar dak il-ħlas. Intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs. Nazzareno Muscat Scerri**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, *per* Imħallef Maurice Caruana Curran, tas-27 ta' Mejju 1970 illi:

"Bħala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti ċivili l-Qorti tirritjeni li, għalkemm kif dejjem ġie ritenut, il-konvenut allegat debitur għandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'każ ta' dubju raġjonevoli jekk l-ammont għadux dovut jew le dan id-dubju għandu dejjem imur favur il-konvenut għax l-oneru tal-prova tad-

[9] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fis-6 ta' Mejju 2011

debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-aħħar tal-kawża għax hu jallega d-debitu u kullħadd għandu jipprova l-allegazzjoni tiegħu. U fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, ċjoè l-attur l-esiġibilità u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju *"actore non probante reus absolvitur"*. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tiegħu fuq il-prinċipju l-ieħor *"reus in excipiendo fit actor"*, għax, jerġa' jingħad, l-oneru ċentrali tal-akkuża jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull każ ta' konflitt ikun faċli għall-attur jirbaħ avolja l-Qorti tibqa' sospiża fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."

It-tagħlim f'din is-sentenza juri li l-oneru tal-prova hu mixħut fuq il-kreditur f'dawk il-każijiet biss fejn jiġi muri li l-prova tal-pagament tkun sodisfatta 'lil hinn mid-dubju raġonevoli. Għalhekk fil-każ ta' self ta' flus, il-piż tal-eżistenza tal-kreditu huwa fuq spallejn min jallega li għandu jieħu. Ġaladarba jipprova dan, il-piż tal-prova jdur fuq id-debitur, li jġorr il-piż li jipprova l-ħlas. Fil-każ odjern m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar jekk seħħx is-self; il-kontestazzjoni huwa dwar jekk seħħx il-pagament. Peress li l-konvenut qiegħed jallega li sar pagament, jeħtieġlu jipprova dan b'mod sodisfaċenti.

Fil-kontro-talba l-konvenuti jallegaw li fadal xi pagamenti xi jsiru għal servizz minnu mogħti lir-raġel tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti tikkontesta dan u ssostni li ma kien hemm l-ebda pagamenti pendenti.

**b. Prova tal-ħlas**

Din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza **Joseph Schembri et vs. Saviour sive Sammy Attard** (Rik Nru 1181/08GM) mogħtija fis-17 t'Ottubru 2019 tenniet li "l-aqwa prova hija l-irċevuta. B'danakollu, il-prova tal-ħlas tista' ssir b'mezzi oħrajn:

"Tabilħaqq quddiem din il-proposizzjoni, ġuridikament korretta, tat-tematika m'hemmx x'wieħed iżid jekk forsi mhux b'repitizzjoni tal-kliem

tas-sentenza ta' l-Appell Kummercjali in re **Genovese –vs- Bajada** [10 ta' Gunju 1966 (inedita)], dik jiġifieri fejn ġie ritenut illi "l-posizzjoni tad-debitur ma għandhiex tigi magħmula iżjed difficli minn dik li tagħmilha l-liġi meta tesiġi li l-prova tal-ħlas tmiss lilu". **Kif saput, tali prova tista' issir b'kull mezz** [(Kollez. Vol. XXXV P III p 604)] u allura trasportat dan li appena ngħad għall-każ in ispeċe, meta l-konvenuti werew bi *statements* mill-istess socjeta` attrici li l-bilanċ kien "nil" għandu jitqies li dawn għamlu l-prova li tmiss lilhom";

"L-appellanti jqajjem 1-argoment, dedott minnu wkoll bhala aggravju illi 1-konvenut appellat ħtieġlu hu wkoll jiddisimpenja ruħu biex isostni l-eċċezzjoni tal-pagament.

"Issa huwa minnu illi fil-kors ordinarju tal-proċess minn jallega 1-pagament dan irid jissostanzjah, anke jekk biex jagħmel dan mhux neċessarjament jipproduci riċevuti. **Provi oħra konvinċenti** jibbastaw skond iċ-ċirkostanzi u l-fatti tal-każ li jkun, kif emerġenti mir-riżultanzi proċesswali. [(Ara **"Av. J. Buttig lea noe -vs- Jos. Portelli floe",** Appell Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976; "**Joe Chetcuti noe -vs- Joseph Pearson et noe,**" Appell, 5 ta' Ottubru 1998) iċċitata in re: **Camilleri Joseph v Calleja Emanuel 31.01.2003 QA(PS)**]

"Magħdud dan, la skond il-ligi l-pagament jikkostitwixxi adempiment ta' obbligazzjoni pekunarja (ara **Artikolu 1146, Kodici Civili**), l-istess ligi, kif supplimentata minn ġurisprudenza kopjuża, tponi fuq l-appellanti debitur l-oneru tal-prova tar-radd lura tas-self. Dan hu seta' jagħmlu "bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jiġifieri **bi provi diretti, bħal dokumenti, xhieda**, u l-**konfessjoni tal-kreditur,** kif ukoll bi **provi indiretti, bħal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaċi li jikkonvinċu lill-ġudikant**". [**Emmanuele Bezzina -vs- Emmanuele Attard *et***, Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Frar, 1959)iċċitata in re: **APS Bank Limited v Francis Xavier Micallef 07.07.2010 QA(PS)**].

Issir referenza wkoll għall-każ **Lombard Bank Malta plc vs. H. Vassallo & Sons Ltd. et,** (App Nru 172/2004) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta' Frar 2008, fejn gie ritenut:

"Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi 'la prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega', kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 1985 fil-kawza **Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech**. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolt favur l-attur (**Vol XXXV.iii.604**).

Difatti, l-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Johann Schembri pro et noe vs. Charlot Mifsud** (App Nru 274/2003) datat 19 ta' Ottubru 2005, rreferiet għall-prinċipji li jirregolaw il-prova tal-pagament:

"1. Huwa principju pacifiku illi l-piz ta' prova tal-pagament hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Dan ghaliex una volta eccepixxa l-pagament kien jispetta lilu li jipprova dan b'mod konvincenti u konklussiv. (Ara **Joe Chetcuti et vs Joseph pearson et noe**, Appell - 5 ta' Ottubru 1998).
2. Huwa imbaghad pacifikament maghruf illi *"l-pagament jista' jigi ppruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-prezunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lill-gudikant."* (**Emanuele Bezzina vs Emmanuele Attard et,** Qorti Civili Prim' Awla - 12 ta' Frar 1959).

3. Hu wkoll generalment accettat, illi f'kaz ta' dubju referibbilment ghall-pagament dan kellu jkun rizolt favur l-attur - kreditur li ma kienx aggravat bl-oneru fuq imsemmi. (Ara **Angelo Scicluna vs John Scerri**, Qorti tal-Kummerc – 30 ta' Mejju 1951, konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1951)."

**c. Komunjoni tal-akkwisti**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali, l-konvenuti jirreferu għall-kwistjoni li l-flus kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u dan nonostante li l-ebda eċċezzjoni ma saret f'dan is-sens fir-risposta ġuramentata. Ir-rikorrenti min-naħa tagħha tgħid li l-flus kienu tagħha personalment li kienet ġemmat minn xogħol li ġieli għamlet. Il-legali tagħha fit-trattazzjoni finali jgħid li "Ghalkemm kellhom il-komunjoni tal-akkwisti ghadha fis-sehh pero' kienu dik it-tip ta' koppja li kulhadd ghandu l-assi tieghu u l-Qorti tifhimni dawn jezistu jigifieri jkollok koppji li huma felicement sposati u jkollok koppji li m'humiex felicement sposati pero' meta jidhol ir-regime finanzjarju, issa lil hinn minn dak il legalizmi tal-komunjoni u sebah u dalam fil-verita' kulhadd ikollu l-assi fondi ghalih u l-klijenta tieghi u d-defunt zewgha kellhom dan it-tip t'ezercizzju".

Skont **l-Artikolu 1322(3)(f) tal-Kodiċi Ċivili** self ta' flus, barra minn depożitu ta' flus f'kont, huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja li jeħtieġ il-kunsens tal-miżżewġin flimkien biex jorbot lill-komunjoni tal-akkwisti. Is-self min-naħa tal-konvenut ma sarx bħala "atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni" (Artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili).

Dan magħdud, tqum il-kwestjoni dwar jekk għemil straordinarju li jsir minn waħda biss mill-partijiet miżżewġin u li dwaru ma ssirx kawża għat-tħassir tiegħu jgħabbix xorta waħda lill-komunjoni tal-akkwisti daqslikieku kien għemil li sar mit-tnejn, jew jekk jgħabbix biss lill-ġid parafernali tal-parti miżżewġa li waħedha tkun għamlitu. Il-liġi tgħid liema huma d-djun magħmulin minn persuna miżżewġa li jgħabbu lill-komunjoni tal-akkwisti li tkun teżisti bejn dik il-persuna u l-konjuġi tagħha. Dawk iċ-ċirkostanzi huma tassattivi u l-liġi tagħmilha ċara f'Artikolu 1327 li huma dawk id-djun "biss" li jgħabbu l-komunjoni. Dan l-artikolu ma jirreferrix għal min isellef iżda għal min jissellef.

**d. Ratione valoris**

Din il-Qorti kif diversament presjeduta, fil-kawża **Air Malta p.l.c. vs. South Rays Holidays Limited** (Ċit Nru 791/2003JRM) deċiża fit-30 ta' Ġunju 2004 issenjalat tifsira preċiża tal-kelma "konnessjoni" fis-sens li:

"Illi dwar it-tifsir tal-konnessjoni meħtieġa mal-azzjoni attriċi biex tista' triegi l-kontro-talba, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bħala żewġ azzjonijiet li kapaċi joqogħdu waħedhom f'eżistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodiċi jseddaq din l-awtonomija. Għalhekk, b'"konnessjoni" wieħed ċertament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura tagħha [Ara per eżempju, App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Sammy Meliaq boe vs Oral Attinel pro et***]. Iżda l-elementi li trid il-liġi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontro-talba tista' titressaq kif imiss".

L-eċċezzjoni tar-*ratione valoris* ġiet sollevata u t-trattata fis-sentenza **Gheiti and Sons Limited vs. Peritt Arkitett Colin Zammit** (Ċit Nru 1321/2010 MCH) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Mejju 2011 fejn għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"Dan il-punt dwar il-kompetenza f'kontrotalba gie trattat fil-kawza C. Fino and Sons Limited vs Neville Bonnici et (Qorti Magistrati 27/04/2005) fejn il-Qorti qalet hekk:

"L-Artikolu 744 ta' l-istess Kodici ta' Organizzazzjonji u Procedura Civili jipprovdi hekk*:*

*'Id-dispozizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan jghoddu wkoll meta r-rikonvenzjoni ghal ragunijiet ohra ma tistax tigi proposta quddiem il-Qorti li fiha l-attur ikun ippropona t-talba tieghu, f'dan il-kaz it-talba tal-konvenut jekk tkun konnessa mat-talba ta' l-attur ghal xi wahda mir-ragunijiet*

*imsemmijin fl-Artikolu 396 tista' issir quddiem kull Qorti ohra kompetenti f'Malta'.*

"Ghalkemm dan l-istess Artikolu jaghmel ukoll riferenza ghall-Artikolu 743 li jitkellem dwar il-gurizdizzjoni li tahta jaqa' kull rikonvenut f'kawza minnu proposta, ghal ragunijiet ta' pratticita' u anke ghall-ekonomija tal-gudizzju, l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 744 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, hija illi, meta l-kontrotalba ma tissuperax u ma tezorbitax il fuq mill-kompetenza tal-Qorti li qed tiehu konjizzjoni tat-talba attrici sakemm il-kontrotalba tkun taqa' fil-binarji stabbiliti mill-Artikoli 396, 397 il-Qorti ghandha l-jedd li tiehu konjizzjoni anke ta' dik il-kontrotalba u tiddecidieha fl-istess gudizzju li fih tiddeciedi t-talba attrici".

"Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-insenjament billi ghalkemm iz-zewg kawzi jinstemghu flimkien u dan in omagg ghat-tendenza tal-Qorti lejn l-ekonomija tal-gudizzju u dupplikar mhux necessarju ta' proceduri gudizjarji, wiehed iried izomm quddiem ghajnejh ukoll illi fl-istitut tar-rikonvenzjoni l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bhala zewg azzjonijiet li kapaci joqoghdu wahidhom f'ezistenza indipendenti w awtonoma. Ghalkemm fir-rikonvenzjoni hemm konnessjoni taz-zewg kawzi, b'daqshekk ma jfissirx u wiehed ma ghandux jifhem li l-kontrotalba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura taghha. Ghalhekk jekk ghal xi raguni t-talba principali taqa' ghal kwalisiasi raguni, il-kontrotalba li ma titlifx minn natura taghha ta' kawza indipendenti w awtonoma trid tkun kapaci tghix wahedha. F'dan il-kaz hemm ostakolu insormontabbli ghax l-inkompetenza tal-Qorti ratione valoris tal-kontrotalba taht l-artikoli 47 u artikolu 748(a) tal-Kap. 12 qua kawza awtonoma mhix wahda li tista' tigi skartata la ghall-ekonomija tal-gudizzju u anqas ghal nuqqas ta' dupplikar ta' procedura."

Kien għalhekk li dik il-Qorti għaddiet sabiex tiddikjara li r-rikonvenzjoni tal-konvenut ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-artikolu 396 tal-Kapitolu peress li l-Prim'Awla hi inkompetenti li tisma' l-kontrotalba ratione valoris.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-kawża odjerna titratta talba għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu konsistenti f'talba għal radd lura ta' flus mislufa. Il-kwistjoni prinċipali bejn il-partijiet ma hiex jekk sarx is-self pretiż iżda jekk tali self ġiex imħallas lura. L-attriċi ssostni li l-flus mislufa minnha lill-konvenuti qatt ma ġew imħallsa lura filwaqt li l-konvenuti jsostnu li saldaw dak kollu minnhom dovut in kwantu għal €20,000 jgħidu li ħallsuhom lir-raġel tal-attriċi illum defunt u €10,000 ġew paċuti ma' ammont li d-defunt raġel tal-attriċi kellu jħallas lill-konvenut bħala ħlas għal servizzi reżi. In sostenn ta' dan il-konvenuti jippreżentaw fotokopja ta' dokument datat 5 ta' Novembru 2014 allegatament iffirmat mid-defunt fejn qed jingħad illi d-defunt Raymond Caruana kien qed jirċevi mingħand il-konvenut George Cardona is-somma fi flus kontanti fl-ammont ta' €20,000 filwaqt li r-rimanenti €10,000 ġie dikjarat li dawn ġew paċuti ma' tlett ammonti komplessivament ammontanti għal €10,000 rapprezenti xogħol li l-konvenut George Cardona għamel lid-defunt ir-raġel tal-attriċi. Dan id-dokument jinsab eżebit bħala Dok B a fol. 4 tal-proċess.

Tenut kont li l-firma ta' Raymond Caruana fuq id-dokument li fuqu qed iserħu d-difiża tagħhom il-konvenuti hija kontestata, kien jinkombi fuqhom l-oneru illi jressqu quddiem l-Espert Kaligrafu id-dokument oriġinali sabiex ikun jista' jiġi analizzat mill-espert. Għal raġuni li ma tirriżultax mill-atti il-konvenuti ma ppreżentawx l-oriġinal tad-dokument li kopja tiegħu tinsab eżebita a fol. 4 tal-proċess u li fuqu qed isejsu d-difiża tagħhom tant li fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom jeċċepixxu illi "....l-intimati effettwaw il-ħlas tas-self kollu dovut, kif irriżulta mill-istess dokument ippreżentat mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat tagħhom immarkat Dok. B".

Una volta l-espert kaligrafu ma ingħatax l-oriġinal ta' Dok B huwa ma setax janalizza b'mod sodisfaċenti il-firma oriġinali fuq l-istess u dan ikkontribwixxa għall-konklużżjoni illi l-espert kaligrafu ma setax jagħti l-opinjoni esperta tiegħu jekk il-firma li tidher fuq Dok B hiex tad-defunt jew le.

Inoltre, l-Qorti tqis illi l-iżbalji lampanti fuq dan id-dokument jirrenduha aktar milli suspettuża. Mhiex verosimili illi dokument ippreparat minn professjonist fiż-żamma tal-kotba tan-negozju illi jniżżel fi skrittura illi "40 karta ta' Eur 50 il-wahda" jammontaw għal €20,000. Il-konvenuti ma resqu l-ebda prova minn kif u minn fejn ġabu din l-allegata somma ta' għoxrin elf ewro (€20,000) fi flus kontanti. Mhux lanqas verosimili dak allegat mill-konvenut George Cardona illi kien ilu jipresta servizzi professjonali tiegħu għal snin sħaħ mingħajr ma jitħallas. Jallega illi kien ilu ma jitħallas sa mis-sena 2004 u ma jagħti l-ebda spjegazzjoni għaliex allura meta fit-1 ta' April 2012 sar is-self tas-somma ta' €30,000, ma ssemma xejn li Cardona kellu kreditu kontra Caruana rappreżentanti kontijiet għal servizzi professjonali reżi għas-sniin 2004 sas-sena 2011.

Konsiderazzjoni oħra hija illi dwar l-ammont ta' €10,000 li l-konvenut George Cardona jallega li tħallas mill-ammont li kellu jagħti lill-attriċi, meta mistoqsi jekk meta saret l-allegata skrittura/riċevuta tal-5 ta' Novembrui 2014 ħarigx riċevuta fiskali għas-somma ta' €10,000 huwa rrisponda li ma kellux għalfejn. Li tali risposta tintqal bil-ġurament minn accountant hija sinifikanti fid-dawl tal-mertu partikolari tal-kawża odjerna.

Magħdud dan, tibqa' l-konsiderazzjoni prinċipali illi tenut kont li l-konvenuti jallegaw li ħallsu s-somma ta' €20,000 fi flus kontanti, kien jinkomi fuqhom li jipprezentaw l-original tal-allegata riċevuta sabiex l-espert kaligrafu jkun jista' jaqdi l-inkarigu lilu mogħti. In-nuqqas tal-konvenuti f'dan ir-rigward ma ppermettiex lill-espert kaligrafu milli jagħti l-opinjoni esperta tiegħu dwar il-veraċita' o meno tal-firma fuq l-original ta' Dok. B.

Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-konvenuti ma rnexxilhomx jissostanzjaw adegwatament li ħallsu lura s-somma minnhom mislufa mingħand l-attriċi skond l-iskrittura tat-18 ta' April 2012.

Dwar it-talba rikonvenzjonali għal-likwidazzjoni ta' ammont pretiż mill-konvenut Gorg Cardona rappreżentanti ħlas għal servizzi ta' bookkeeping rezi bejn Jannar 2014 u April 2015 kif ukoll għal servizzi sabiex jiġi redatt rapport

mitlub mid-defunt Raymond Caruana; l-atturi jeċċepixxu preliminarjament illi din il-Qorti hija inkompetenti rationae valoris.

**Artikolu 47 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

(1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.

Il-pretensjoni tal-konvenuti rikonvenzjonanti ma teċċediex is-somma ta' €15,000 u għalhekk huwa evidenti illi l-mertu tal-kontro talba ma hux ta' kompetenza tal-Qorti Ċivili Prim' Awla iżda tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Konsegwentement l-eċċezzjoni preliminari tal-atturi għat-talbiet rikonvenzjonali hija fondata.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-azzjoni attriċi u l-kontro talba bil-mod segwenti:-

1. Fir-rigward tat-talbiet attriċi, tiċħad l-eċċezzjonijiet eċċepiti mill-konvenuti u tilqa' t-talbiet attriċi,.

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000);

3. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex iħallsu lill-atturi s-somma imsemmija ta' €30,000 bl-imgħax legali mill-4 ta' Settembru 2015 (id-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat) sad-data tal-effettiv pagament.

4. Fir-rigward tat-talbiet rikonvenzjonali, tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-atturi rikonvenzjonati dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti

*ratione valoris* u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikonvenzjonali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**